**Għawdex Qabel ir-Ritratti (38)** **minn JOHN CREMONA**







# *Veduta ta' Għawdex 325 sena ilu*

Veduti ta' Għawdex ta' qabel is-seklu tmintax huma rarissmi kemm fil-pittura kif ukoll fl-inċiżjonijiet. Waħda mill-ftit li nafu li jeżistu tidher fit-titular tal-Knisja ta' Savina mpitter fis-sena 1622 fejn tidher f'tieqa veduta tal-belt fortifikata ta' Għawdex, iċ-Ċittadella.

Fl-inċiżjoni, il-veduti ta' Għawdex huma aktar rari u jibdew jidhru lejn l-aħħar nofs tas-seklu tmintax. Kienet għalhekk sorpriża kbira meta dan l-aħħar tfaċċat inċiżjoni magħmula lejn l-aħħar nofs tas-seklu sbatax li turi ċ-Ċittadella u r-Rabat.

L-inċiżjoni rarissma li qiegħed nippubblika ma' dan l-artiklu ġiet stampata fi ktieb ta' qies pjuttost żgħir li ġie stampat f'Awsburgu fil-Ġermanja fl-1686. Il-ktieb li għandu titlu pjuttost twil bit-Taljan u l-Ġermaniż jibda bil-kliem *Roma Regina Mundi et Montana Florida* u ġie ppubblikat minn Jakob Enderlin u stampat minn Thomas Astal. Teżisti wkoll it-tieni edizzjoni ta' dan il-ktieb bid-data ta' sentejn wara, jiġifieri 1688.

L-inċiżjoni turi ċ-Ċittadella mmarkata bħala Castel maqtugħa għaliha u r-Rabat imdawwar b'ħajt fortifikat u diversi torrijiet. Naturalment, fil-produzzjoni ta' din l-inċiżjoni, l-artist uża wkoll il-liċenzja artistika apparti li jista' jkun li l-inċiżur ħadem jew fuq xi disinn magħmul minn ħaddieħor jew fuq deskrizzjoni bil-fomm. Mingħajr ma noqgħod nidħol fl-argument jekk qattx ir-Rabat kien imdawwar bis-swar jew le, din l-inċiżjoni turi r-Rabat imdawwar b'ħajt fortifikat fejn jidhru wkoll diversi torrijiet kif ukoll id-daħla fortifikata. Taħt l-istess inċiżjoni fuq l-istess paġna hemm inċiżjoni oħra li turi torri fuq il-gżira ta' *Cominotto* jew Kemunett, torri li nafu li fuq din il-gżira qatt ma eżista. F'dan l-istess ktieb ġiet ippubblikata wkoll mappa ta' Malta fejn il-gżira ta' Kemmuna hija ndikata bħala *Cominotto*. Allura t-torri ta' Kemmuna mibni fl-1618 f'dan il-kas jibda jagħmel sens.

Tajjeb li wieħed josserva li biex tiġi prodotta stampa tajba, l-inċiżur irid inaqqax id-disinn fuq il-pjanċa tar-ram bil-maqlub. Dan mhux dejjem kien isir u nsibu diversi inċiżjonijiet fejn l-istampa tas-suġġett tkun bil-maqlub. Jekk wieħed allura jaqleb l-immaġni ta' din l-inċiżjoni, kemm il-veduta tar-Rabat kif ukoll dik ta' Kemmuna tibda tidher b'mod aktar konvinċenti u wieħed jista' jagħraf xebh mat-topografija taċ-Ċittadella u r-Rabat f'relazzjoni mal-kampanja Għawdxija bis-siġar fuq il-lemin li jindikaw l-Għasri u ż-Żebbuġ li fiż-żmien meta ġiet prodotta din l-inċiżjoni sar Parroċċa u l-għoljiet tad-Dbieġi, Għar Ilma u Għammar fuq in-naħa l-oħra. Biex ineħħi kull dubju dwar il-veduta, l-inċiżur fis-sema poġġa skrizzjoni bil-kelma *GOZO.* L-inċiżjoni ta' Għawdex u Kemmuna għandha qies ta' 163x123mm filwaqt li l-mappa ta' Malta għandha qisien ta' 120x162mm.

Din l-inċiżjoni ta' Għawdex flimkien mal-mappa ta' Malta ġew esibiti dan l-aħħar f'Wirja ta' Mapep Ġermaniżi ta' Malta li ttellgħet mis-Soċjetà tal-Mapep ta' Malta fil-Mużew Marittimu fil-Birgu. Dawn l-istess inċiżjonijiet ġew ukoll ippubblikati fil-katalgu *'German Malta Maps'* li ġie ppubblikat għal din il-wirja miktub minn Dr Albert Ganado u Joseph Schirò.

*Ħajr lis Sur Claude Micallef Attard.*